MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2404/1996/1

**Citaz. Nru. 2404/96**
**David Attard u Isabelle Cassar**

**vs.**

**Soap & Sponge Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-att ta’ citazzjoni illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew :**

**Illi l-atturi ordnaw u xtraw minghand is-socejta` konvenuta kwantita` ta’ madum tac-ceramika, liema ordni inxtrat fuq kampjun li gie konsenjat lill-atturi mis-socejta` konvenuta li llum ghandu fil-pussess taghhom;**

**Illi inoltre l-ftehim kien esplicitu fis-sens, li dan il-madum mhux biss kellu jkun konformi mal-kampjun provdut izda kellu jkun *'first quality tiles'* u cioe` madum ta' l-aqwa kwalita` ("prima qualita`");**

**Illi dan il-madum inxtara versu l-prezz ta' erbatax il-Lira Maltija (Lm14.00c);**

**Illi fil-kors tat-tqeghid tieghu fil-fond Sealini, New Street off St. Nicholas Street, Marsascala, jirrizulta li dan il-madum ma kienx tal-kwalita`miftehma u imweghda kif fuq inghad u dan kif ser jigi pruvat fil-kors ta' din il-kawza;**

**Illi minhabba dan il-fatt l-atturi soffrew u qeghdin isofru d-danni, fost ohrajn spejjez ta' tqeghid u di piu` sa jitfaghhom lura fil-pjanijiet taghhom biex jizzewgu, bil-konsegwenza ta' spejjez akbar;**

**Illi s-socjeta` konvenuta mitluba biex tiehu lura dan il-madum u thallas id-danni baqghet inadempjenti.**

**Talbu ghaliex din il-Qorti ma ghandiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija :**

**1. tiddikjara li l-madum fuq imsemmi mixtri mill-atturi minghand is-socjeta` konvenuta la hu tal-kwalita` mwieghda u/jew lanqas ma hu skond il-kampjun li fuqu l-bejgh sar u li ghadu jinqala` u jittiehed lura mis-socjeta` konvenuta;**

**2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo b'opera ta' periti nominandi u;**

**3. tillikwida d-danni lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet skond il-ligi;**

**Bl-ispejjez lis-socjeta` konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata mill-attur u l-lista tax-xhieda relativa;**

**Rat id-digriet tat-tnejn (2) t' Awissu, 1996 - moghti wara rikors ta' l-atturi ipprezentat fid-dsatax (19) ta' Lulju, 1996 illi fih talbu illi l-kawza tigi appuntata bl-urgenza - illi permezz tieghu l-Arkitett u Inginier Civili Joseph Jaccarini gie nominat sabiex jirrelata limitatament dwar l-urgenza tal-kaz;**

**Rat id-digriet tas-sittax (16) t' Awissu, 1996 illi bih intlaqghet it-talba ta' l-atturi illi l-kawza tigi appuntata b' urgenza;**

**Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi permezz taghha eccepiet :**

**Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi huma fattwalment zbaljati u kwindi legalment insostenibbli stante illi il-madum mibjugh mis-socjeta` konvenuta lill-atturi huwa ta' prima qualita` u identiku ghal dak offrut u huwa il-metodu tat-tqeghid tieghu li huwa zbaljat.**

**Illi l-agir tal-atturi ikkawza, u qieghed jikkawza danni lill-socjeta` konvenuta li ghalihom, anke permezz ta' dan l-att gudizzjarju, qeghdin jigu riservati d-drittijiet kollha taghhom.**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, guramentata minn Edgar Camilleri, u l-lista tax-xhieda relativa;**

**Rat id-digriet tad-disgha (9) ta' Settembru, 1996 illi permezz tieghu l-imsemmi A.I.C. Joseph Jaccarini gie nominat sabiex jirrelata fuq il-meritu b'dan illi jkun assistit fil-gbir tal-provi mill-Assistent Gudizzjarju Dr. M. (*sic*) Borg Galea;**

**Ezaminat ir-relazzjoni tal-A.I.C. Joseph Jaccarini, debitament mahlufa fl-udjenza tas-sittax (16) t' April, 2002;**

**Rat id-digriet tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 1999 illi permezz tieghu l-Arkitetti u Inginiera Civili M. A. (*sic*) Refalo, Alan Saliba u René Buttigieg gew nominati periti teknici addizzjonali, wara talba ghal daqshekk mis-socjetà konvenuta;**

**Rat id-digriet tad-disgha (9) ta' Novembru, 2001, moghti wara rikors ta' l-atturi pprezentat fil-hamsa (5) ta' Novembru, 2001, illi fih, fost affarijiet ohra, jinghad hekk :**

**"Tilqa' t-talba fis-sens li jekk ir-rapport addizzjonali ma jithallasx sas-seduta li tmiss, hija tghaddi ghas-sentenza fuq l-atti l-ohra tal-kawza, inkluz ir-rapport originali";**

**Ikkonstat illi l-udjenza illi kien imiss wara l-imsemmi digriet tad-9 ta' Novembru, 2001 kienet dik tas-sebgha (7) ta' Dicembru, 2001 u illi sa din l-ahhar imsemmija data ma jirrizultax illi r-rapport addizzjonali kien thallas;**

**Ezaminat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi l-atturi ghamlu ordni ta' kwantità ta' madum tac-ceramika ta' l-art minghand is-socjetà konvenuta wara illi din is-socjetà kienet tathom kampjun ta' dan il-madum;**

**Illi jirrizulta illi sussegwentement is-socjetà konvenuta ghamlet il-konsenja lill-atturi tal-madum ordnat u illi ghal dan il-madum l-atturi hallsu lis-socjetà konvenuta is-somma komplessiva ta' elf, tlett mija u sebgha u tletin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm1,337.63);**

**Illi jirrizulta ukoll illi meta parti sostanzjali tal-madum konsenjat tqieghed fl-ewwel sular u f'parti mill-pjanterren tal-fond 'Scalini' f'New Street off St. Nicholas Street, Marsascala l-atturi dehrilhom illi dan il-madum kien ta' kwalità inferjuri u ma kienx konformi mal-kamplun hawn fuq imsemmi illi kienet tathom is-socjetà konvenuta. Kien ghalhekk illi l-atturi ntavolaw il-kawza odjerna;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi fil-paragrafu enumerat 5.7 tar-relazzjoni tieghu l-perit takniku A.I.C. Joseph Jaccarini ikkonkluda hekk :**

**"Minn dak li gie sue espost jirrizulta li l-madum ordnat u konsenjat lill-atturi kien fil-limiti ta' tolleranza kontemplati fl-EN relattiv, izda differenti mill-KAMPJUN li nghata lill-atturi ghala prova ta' dak li kellu jinghata lilhom mal-konsenja."**

**Illi hija ma ssib ebda raguni sabiex ma tadottax dawn il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku A.I.C. Joseph Jaccarini u, konsegwentement, hija tal-fehma illi l-ewwel (1) talba attrici kwantu bazata fuq l-asserzjoni illi l-madum konsenjat mhux "tal-kwalità mwieghda" ma tistax tintlaqa' u illi kwantu bazata fuq l-asserzjoni illi l-istess madum mhux "skond il-kampjun li fuqu l-bejgh sar" tista' u ghandha tintlaqa';**

**Illi, dan stabbilit, hija gustifikata ukoll dik il-parti ta' l-ewwel (1) talba attrici rigwardanti r-rikjesta ta' l-atturi illi l-madum in kwistjoni "jinqala' u jittiehed lura mis-socjetà konvenuta";**

**Ikkunsidrat :**

**Illi t-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet attrici huma rispettivament ghall-likwidazzjoni u kundanna ta' hlas mis-socjetà konvenuta tad-danni illi l-atturi jsostnu illi sofrew, evidentement imhabba l-konsenja tal-madum in kwistjoni;**

**Illi, jinsab pruvat illi b'rizultat tal-konsenja tal-madum in kwistjoni mhux konformi mal-kampjun moghti, l-atturi sofrew danni illi ghalihom hija responsabbli s-socjetà konvenuta;**

**Illi, qabel ma jigu likwidati dawn id-danni, huwa utili illi jigi sottolineat illi l-atturi ghamlu mill-ahjar illi setghu sabiex jigu minimizzati dawn id-danni u, f'dan ir-rigward, xieraq illi jsiru s-segwenti osservazzjonijiet :**

**(1) l-atturi ma jidhirx illi tilfu zmien sabiex jintavolaw din il-kawza wara illi qatghu qalbhom illi jaslu f'xi ftehim bonarju mas-socjetà konvenuta;**

**(2) flimkien ma' l-att ta' citazzjoni l-atturi pprezentaw rikors illi permezz tieghu talbu illi l-kawza tinstema' bl-urgenza;**

**(3) permezz ta' rikors ipprezentat fit-tlettax (13) ta' Jannar, 1997 l-atturi talbu illi jigu awtorizzati "jaqilghu l-madum li hemm imwahhal"; din it-talba giet michuda ghaliex kien hemm oppozizzjoni ghaliha mis-socjetà konvenuta; u**

**(4) fil-mori tal-kawza, u precizament fis-seduta mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju fit-tlieta (3) ta' Lulju, 1997, gie verbalizzat illi l-atturi qablu mas-socjetà konvenuta illi, bil-hsieb illi jigu minimizzati kemm jista' jkun d-danni pretizi, l-atturi jkunu jistghu ipoggu madum iehor fil-pjanterren tal-fond hawn fuq imsemmi;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi l-provi prodotti mill-atturi dwar id-danni illi sofrew jirrigwardaw dak illi huwa hallsu lis-socjetà konvenuta bhala prezz tal-madum konsenjat u l-kera illi hallsu ghall-fond illi kien kostretti illi jikru peress illi ma setghux imorru jabitaw fil-fond illi ghalih ordnaw l-istess madum;**

**Illi, a skans ta' ekwivoci u in vista ta' dak illi jghid il-perit tekniku A.I.C. Joseph Jaccarini fil-paragrafu enumerat 6.4 tar-relazzjoni tieghu, huwa imperattiv illi jigi rilevat illi l-atturi ma ghamlu ebda prova dwar spejjes konnessi mat-tqeghid ta' parti mill-madum in kwistjoni u dwar xi spejjes illi setghu ghamlu ghall-hrug tac-certifikati esibiti emessi mill-Periti Paul Camilleri u David Pace;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi, kif già inghad, jinsab pruvat illi ghall-madum in kwistjoni lilhom konsenjat mis-socjetà konvenuta l-atturi hallsu lill-istess socjetà is-somma komplessiva ta' Lm1,337.63; m'hemmx dubbju illi l-atturi ghandhom dritt ghal rifuzjoni ta' din is-somma in rizarciment ta' parti mid-danni illi sofrew;**

**Illi l-atturi esibew tnejn u sittin (62) ricevuta ghal mitt lira Maltija (Lm100) l-wahda tal-hlas ta' kera tal-fond Flat 3, St. Michael Flats, Triq il-Qaliet, Marsascala ghal kull xahar bejn l-ewwel (1) ta' Mejju, 1997 u l-ewwel (1) ta' Gunju, 2002, komplessivament ammontanti ghal sitt elef u mitejn lira Maltija (LM6,200). L-atturi kien gustifikati illi jikru dan il-fond *considerando* illi, kif jirrizulta mid-dokument 'C' a fol. 20 tal-process, huma kellhom jizzewgu fl-ghaxra (10) ta' Mejju, 1997 u illi ma setghux imorru joqghodu fil-fond 'Scalini' f'New Street off St. Nicholas Street, Marsascala. Konsegwentement, l-atturi huma intitolati illi, in linea ta' danni, jitolbu l-hlas minghand is-socjetà konvenuta ta' din is-somma ta' Lm6200. Jidher illi l-ahhar ricevuta tal-hlas tal-kera illi esibew l-atturi hija dik ta' l-ewwel (1) ta' Gunju, 2002 ghaliex din kienet l-ahhar wahda illi kellhom fil-pussess taghhom meta fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, 2002 il-kawza giet differita ghas-sentenza. Peress illi huwa possibbli illi l-atturi baqghu ihallsu l-kera wara Gunju 2002 sejra ssir id-debita rizerva fil-parti dispozittiva ta' dan il-gudikat;**

**Illi, ghalhekk, id-danni illi l-atturi rnexxielhom jippruvaw illi sofrew sa issa jammontaw komplessivament ghal sebat elef, hames mija u sebgha u tletin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm7537.63);**

**Ghal dawn il-motivi :**

**Tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta;**

**Tipprovdi dwar it-talbiet attrici kwantu ghall ewwel (1) wahda billi tiddikjara illi l-madum in kwistjoni mixtri minghand is-socjetà konvenuta mhux skond il-kampjun illi fuqu sar il-bejgh u billi tordna lis-socjetà konvenuta sabiex fi zmien xahar mill-lum taqla' u tiehu lura l-istess madum u, f'kas illi dan it-terminu jghaddi inutilment, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 222, Kap. 12, tawtorizza lill-atturi sabiex jaqilghu l-istess madum u jirritornawh lis-socjetà konvenuta a spejjes ta' din ta' l-ahhar;  kwantu ghat-tieni (2) talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' sebat elef, hames mija u sebgha u tletin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm7,537.63), b'dan illi qed jigi rizervat favur l-atturi *si et quatenus* id-dritt illi jagixxu kontra s-socjetà konvenuta ghal danni rizultanti minn hlas ulterjuri ta' kera;  u kwantu ghat-tielet (3) talba billi tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex thallas lill-atturi is-somma hekk likwidata ta' Lm7,537.63 flimkien ma' l-imghax legali fuqha dekorribbli mill-lum;**

**Tordna illi l-ispejjes tal-kawza jigu sopportati kollha mis-socjetà konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------